MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 348/2007

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
**Vs**
**Salvatore sive Silvan u Lorraine konjugi Said karti ta' l-identita numri 211862 (M) u 507161 (M) rispettivament bhala debituri principali u Doris armla ta' Philip Borg karta ta' l-identita numru 786834 (M), Marco Borg karta ta' l-identita numru 567565 (M) u Lillian mart Joseph Busuttil karta ta' l-identita numru 107759 (M) bhala garanti solidali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fis-26 ta' Marzu, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-Bank rikorrenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia li jgib d-data ta' l-ghoxrin (20) ta' Settembru, tas-sena elfejn (2000) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" ikkonceda lid-debituri

principali Salvatore sive Silvan u Lorraine konjugi Said facilita ta' self u in forza ta' din il-facilita l-imsemmija debituri principali sselfu flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandhom debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' tnax-il elf, disa' mija u tnejn liri Maltin disgha u erbghin centezmi (LM12,902.49) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sal-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-intimati konjugi Said ggarantew l-hlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, u inoltre l-intimati kollha minbarra l-intimat Salvatore sive Silvan Said ggarantew il-hlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka specjali fuq il-proprjeta f'Birkirkara skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt Dok "A";

Illi l-Bank rikorrenti ikkonceda wkoll lid-debituri principali facilita ta kont kurrenti u in forza ta din il-facilita d-debituri principali sselfu flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandhom debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' seba' mija u ghaxar liri Maltin tnejn u ghoxrin centezmi (LM710.22) skond statement hawn anness u mmarkat Dok "C" bl-interessi kkalkolati sal-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi permezz ta' skrittura privata li ggib id-data tad-dsatax (19) ta Settembru, tas sena elfejn (2000) li kopja awtentikata taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "D", l-intimati Doris Borg, Mario Borg u Lillian mart Joseph Busuttil iggarantew solidalment mal-intimati debituri principali l-hlas lura ta' dawn id-debiti sa l-ammont ta' erbatax-il elf liri Maltin (LM14,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

Illi ghalhekk hemm dovut lil Bank rikorrenti mill-intimati is-somma komplessiva ta tlettax-il elf, sitt mija u tnax-il Lira Maltin wiehed u sebghin centezmi (LM13,612.71 );

lIli ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, l-intimati baqghu inadempjenti;

Talab lill-intimati jghidu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1) tikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu lil Bank rikorrenti ssomma ta' tlettax-il elf, sitt mija u tnax-il Lira Maltin wiehed u sebghin centezmi (LM13,612.71) li minnhom tnax-il elf, disa' mija u tnejn liri Maltin disgha u erbghin centezmi (LM12,902.49) jirraprezentaw bilanc ghad-debitu fil-facilita ta self, u r-rimanenti seba' mija u ghaxar liri Maltin tnejn u ghoxrin centezmi (LM710.22) jirraprezentaw bilanc ghad-debitu fil-facilita ta kont kurrenti skond zewg "statements" hawn annessi u mmarkati Dok "B" u Dok "C" bl-interessi kkalkolati sal-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-11 ta Lulju 2005 u bl-imghaxijiet legali mis-6 ta Frar 2007 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati kollha li huma lkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u in-nota tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat in-nota tal-konvenuti tas-6 ta’ Gunju 2007 li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta ippruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif dedotta fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta' tlettax-il elf, sitt mija u tnax-il Lira Maltin wiehed u sebghin centezmi (LM13,612.71) li minnhom tnax-il elf, disa' mija u tnejn liri Maltin disgha u erbghin centezmi (LM12,902.49) jirraprezentaw bilanc ghad-debitu

fil-facilita ta self, u r-rimanenti seba' mija u ghaxar liri Maltin tnejn u ghoxrin centezmi (LM710.22) jirraprezentaw bilanc ghad-debitu fil-facilita ta kont kurrenti skond zewg "statements" hawn annessi u mmarkati Dok "B" u Dok "C" bl-interessi kkalkolati sal-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------